MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1057/2011

**Eucharist Bajada (I.D. 592043M), f`ismu proprju u kif ukoll ghan-nom ta` Vicarist Limited (C6406) ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

**1. Eucharist Bajada (I.D. 375069M)**

***u***

**2. Victoria Dimech Debono (I.D. 71268M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta` Ottubru 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi nhar is-17 ta` Gunju 1983, l-esponenti waqqaf il-kumpannija Vicarist Limited (C6406) [vide kopja tal-Memorandum of Association and Articles of Association originali tal-kumpannija anness u mmarkat Dok. EB1] ;*

*2. Illi fit-twaqqif ta` dina l-kumpannija, l-intimati dehru bhala d-detenturi ta` mitejn (200) 'B' Share kull wiehed ;*

*3. Illi l-ftehim kien wiehed car, anke meta l-intimati saru maggorenni, illi huma jiddetjenu l-ishma bhala prestanome ghan-nom tal-esponenti proprio ;*

*4. Illi difatti l-intimati (kif jidher anke mill-Memorandum of Association and Articles of Association vigenti tal-kumpannija anness u mmarkat bhala Dok. EB2) qatt ma kellhom u lanqas ghandhom dirttijiet ta` vot fi hdan Vicarist Limited ;*

*5. Illi di piu`, il-ftehim ta` bejn l-esponenti proprio u l-intimati kien illi fi kwalsiasi zmien huwa seta` jirrikjedi illi l-ishma, li fl-ahhar mill-ahhar kienu u baqghu tieghu, jinqalbu fuq ismu ;*

*6. Illi sa fejn jaf l-esponenti, l-intimati qatt ma kellhom riservi dwar dan ;*

*7. Illi ciononostante meta ricentement huwa talab lill-intimati sabiex jikkonfermaw illi huma ghadhom jiddetjenu l-ishma bhala prestanome tal-esponenti proprio u kif ukoll sabiex jaghtu l-kunsens taghhom sabiex l-ishma de quo jigi rregistrati f`isem l-esponenti, huma rrifjutaw li jaghmlu hekk ;*

*8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1) Tiddikjara illi l-partecipazzjoni tal-intimati f`Vicarist Limited kienet mill-bidu nett bhala prestanome u fl-interess esklussiv tal-esponenti ;*

*2) Tiddikjara konsegwentement illi l-ishma li sal-lum jidhru registrati f`isem l-intimati huma proprjeta` esklussiva tal-istess esponenti ;*

*3) Tordna konsegwentement l-kundanna tal-intimati sabiex jipprestaw kull kunsens mehtieg sabiex l-ishma mertu tal-kawza jigu registrati f`isem l-esponenti.*

*Bl-ispejjez u b`riserva cara ghal kwalsiasi dritt iehor spettanti lill-esponenti skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm il-konvenut Eucharist Bajada kien debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (ara tergo ta` fol 29 u tergo ta` fol 31) huwa ma pprezentax risposta guramentata.

Rat in-nota tal-atturi prezentata fis-6 ta` Dicembru 2011 (ara fol 32).

Rat illi ghalkemm il-konvenuta l-ohra Victoria Dimech Debono, li tirrisjedi fir-Renju Unit, kienet debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (ara fol 35 et seq), lanqas hi ma pprezentat risposta guramentata.

Rat in-nota tal-atturi prezentata fl-udjenza tal-bierah li permezz taghha kienu ceduti l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenut Eucharist Bajada.

Rat in-nota tal-konvenuta Victoria Dimech Debono prezentata fl-udjenza tal-bierah li permezz taghha hija ammettiet it-talbiet kollha attrici fil-konfront taghha.

**Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut Eucharist Bajada stante ic-cessjoni mill-atturi tal-atti tal-kawza fil-konfront tal-istess konvenut.**

**Wara l-ammissjoni taghha, tilqa` t-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenuta Victoria Dimech Debono.**

**Tordna lill-istess konvenuta Victoria Dimech Debono sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------